MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 103/2004/1

**Peter Paul Debono**

**v.**

**Angelo Attard;
Maryanne mart Angelo Attard minnu *de jure* separata;
Maryanne Attard li b'digriet tas-26 ta' Ottubru 2004 giet nominata kuratur deputat sabiex tirraprezenta l-interessi tal-minuri
Luke Attard; u
id-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex.**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn sentenza preliminari moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, fl-4 ta’ Ottubru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti rrespingiet it-tieni eccezzjoni preliminari sollevata “mill-konvenuti kollha rapprezentati minn Angelo Attard”, cioe` mill-konvenuti kollha ad eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex.

**2.** Permezz tac-citazzjoni fl-ismijiet premessi l-attur, wara li ppremetta li fl-10 ta’ Awissu 2000 il-konvenuta Maryanne Attard kienet tat ghad-dawl tifel li nghata l-isem ta’ Luke Terry Frank Attard; li dan it-tifel gie dikjarat mill-omm fuq l-att tat-twelid fir-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex bhala li huwa iben zewgha Angelo Attard; li fil-fatt dana t-tifel huwa iben naturali tieghu – cioe` ta’ Peter Paul Debono – minn relazzjoni li huwa kellu ma’ Maryanne Attard fix-xhur immedjatament precedenti u wara l-koncepiment tat-tarbija; illi huwa jrid li dan it-tifel jigi registrat u rikonoxxut bhala ibnu, u li l-Qorti tirregola l-kura u l-kustodja ta’ l-istess tifel u l-access ghalih; premess dan kollu, l-attur talab (1) li l-Qorti tiddikjara li l-imsemmi tifel huwa iben naturali tieghu, (2) konsegwentement tordna l-korrezzjonijiet mehtiega fl-att ta’ twelid tieghu, (3) tordna li l-kura u l-kustodja ta’ l-istess tifel tigi afdata konguntament lill-ommu (Maryanne Attard) u lilu (Peter Paul Debono), u (4) tirregola l-access tieghu fir-rigward ta’ l-imsemmi ibnu.

**3.** Fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom il-“konvenuti kollha rapprezentati minn Angelo Attard” isollevaw sitt eccezzjonijiet. L-ewwel eccezzjoni giet irtirata wara li l-ewwel Qorti laqghet talba ghal korrezzjoni fic-citazzjoni (ara d-digriet a fol. 26 ta’ l-atti u l-verbal tas-27 ta’ Jannar 2005 a fol. 27). It-tieni eccezzjoni, li hija dik li tikkoncerna din il-kawza, tghid testwalment hekk: **“Illi preliminarjament hemm ukoll l-irregolarita` u l-konsegwenti irritwalita` ta’ din il-kawza. Dan ghaliex din ma hix il-procedura korretta biex issir dikjarazzjoni ta’ paternita` ta’ l-attur u din**

**m'ghandhiex tkun diskussa f'dan il-foro. L-inqas huwa kompetenti lill-attur li jaghmel proceduri ta' din ix-xorta u mhux proponibbli minnu"**. Issegwi, imbaghad, it-tielet eccezzjoni – eccezzjoni fil-meritu – li tghid hekk: **"Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, it-talbiet ta' l-attur qed jigu kkontestati sew fid-dritt kif ukoll fil-fatt peress li l-legittimita` tal-minuri la hija sindakabbli u lanqas attakkabbli mill-attur"**. Ghall-fini ta' din is-sentenza, l-eccezzjonijiet l-ohra, inkluzi dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, huma rrelevanti.

**4.** Fil-verbal ta' l-udjenza quddiem l-ewwel Qorti tas-27 ta' Jannar 2005 – u ghalhekk qabel ma bdew jinstemghu il-provi[1] – gie registrat li "il-partijiet jaqblu li ghandha ssir nota ta' sottomissjonijiet dwar it-tieni eccezzjoni preliminari", u dik il-Qorti tat zmien lill-partijiet biex jaghmlu dawn in-noti. Saru noti minn Maryanne Attard (fol. 28 *et seq.*), nota ohra twila – kwazi monografija – mill-"konvenuti kollha rapprezentati minn Angelo Attard" (fol. 33 sa 42), u nota qasira mill-attur. Din in-nota ta' l-attur tghid testwalment hekk: *"Illi l-esponenti qieghed jaqbel <u>in toto</u> mas-sottomissjonijiet maghmula mill-konvenuta Maryanne Attard dwar it-tieni eccezzjoni preliminari eccepita minnhom stess u ghalhekk jaqbel ukoll li l-istess eccezzjoni ghandha tigi michuda favur l-istess esponenti."* L-attur qal hekk ghax, fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' Maryanne Attard tal-25 ta' April 2005[2] – din in-nota jidher li saret f'isimha proprju u mhux ukoll bhala kuratur tal-minuri – inghad testwalment hekk:

**"Illi, essenzjalment, l-esponenti tirrileva illi din it-tieni eccezzjoni ghandha tigi irtirata stante illi m'hemm l-ebda bazi gustifikabbli ghal din l-eccezzjoni…Missier naturali ghandu l-aqwa interess li jipprova l-paternita` tieghu u jikkoregi c-certifikat tat-twelid tal-minuri. Huwa l-obbligu tieghu li jipprova din il-paternita` u fil-kaz ta' opposizzjoni dina l-Onorabbli Qorti ghandha l-poter li tordna li jsiru d-"DNA" tests relattivi ghal prova tal-istess. Fl-ahhar nett u in konkluzjoni ghandu jigi rilevat illi t-tieni eccezzjoni ghandha tigi rtirata**

[1] Fil-fatt <u>sa issa</u> ghadhom ma nstemghux provi.
[2] Fol. 28 sa 30.

**stante ghal fatt illi l-ligi taghti lill-attur id-dritt ta' azzjoni ghal dikjarazzjoni ta' paternita` anke jekk sahansitra l-konvenut Angelo Attard qed isostni li rabba lill-minuri bhala ibnu ghal diversi snin."**

**5.** Wara li l-ewwel Qorti rat dawn in-noti, hija tat is-sentenza taghha fir-rigward ta' l-imsemmija tieni eccezzjoni fl-4 ta' Ottubru 2005. Kif inghad, dik il-Qorti rrespingiet din l-eccezzjoni (bl-ispejjez "kontra l-konvenut") u halliet il-kawza ghall-kontinwazzjoni – evidentement ghall-kontinwazzjoni fil-meritu – u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

**"Illi permezz ta' din l-eccezzjoni preliminari, li llum hija sostnuta biss mill-konvenut Angelo Attard,[3] qed jigi sottomess illi l-azzjoni kif proposta hija irregolari u konsegwentement irritwali. Dan ghaliex, kif jikkontendi l-istess konvenut, a tenur ta' l-artikolu 81 tal-Kap, 16 "*hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att;*" u similment "*hadd ma jista' jattakka l-istat tal-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twelid tieghu.*" Fil-fehma tieghu l-azzjoni proposta mill-artikolu 77 tal-Kap. 16, li kif hu accettat mill-gurisprudenza lokali, hija wahda subordinata ghall-artikolu 81,[4] ghalkemm hija miftuha ghal kull min ghandu interess, hija proponibbli biss f'cirkostanzi fejn ir-ragel ta' l-omm kien fl-impossibilita` fizika li jghammar ma' martu ghaz-zmien kollu msemmi f'dan l-artikolu tal-ligi. Jikkontendi ghalhekk illi, peress illi l-attur m'hu jippremetti la li l-istat ta' l-iben m'hu differenti minn dak li juri c-certifikat tat-twelid tieghu, u lanqas li r-ragel ta' l-omm kien allontanat ghaz-zmien stipulat, ma setax jaghmel din il-kawza.**

**"Imma, fil-fehma tal-Qorti, l-fatt li l-attur naqas li jsemmi specifikament dawn il-premessi, u llimita ruhu sabiex jghid biss illi l-minuri huwa iben naturali**

---

[3] Ara Nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta Maryanne Attard a fol. 28 tal-process.
[4] Joseph Ellul vs Dr. Anthony Cutajar et noe. :Prim'Awla: 10.12.2002.

**tieghu, m'ghandux b'daqshekk igib in-nullita` tac-citazzjoni. Kif gie ribadit diversi drabi mill-Qrati taghna f'kawzi bhal dawn, sabiex tirnexxi talba bbazata fuq l-artikolu 77 tal-Kodici Civili, irid jigi ppruvat illi (I) t-tarbija ma kienitx legittima u (ii) l-istat taghha effettivament ma jikkorrispondix ma' dak li juri l-att ta' twelid taghha[5]. Infatti f'kawza simili fejn l-attur talab li jigi dikjarat il-missier naturali tat-tarbija, u ma inghadx fic-citazzjoni li t-tarbija kellha stat differenti minn dak li jidher fic-certifikat tat-twelid taghha, l-Qorti ma dehrilha li kien hemm ebda ostakolu biex tilqa' t-talba, gialadarba z-zewg rekwiziti mitluba mil-ligi gew ippruvati[6].**

**"Minkejja li ma semmihomx, huma xorta wahda dawn ir-rekwiziti li jrid necessarjament jipprova l-attur fil-kawza prezenti. Sakemm pero` ma jinghatax l-opportunita`, li s'issa ma kellux, illi jressaq il-provi tieghu f'dan ir-rigward, ma jistax jinghad, kif qed jippretendi l-konvenut Attard, illi dawn ir-rekwiziti ma jezistux fil-kaz in ezami.**

**"Lanqas m'hu korrett il-konvenut Attard meta jsostni, kif ghamel fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu, illi l-attur ma jistax jitlob il-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tat-tarbija, ghax il-ligi ma ssemmi xejn f'dan ir-rigward. Ma jista' jkun hemm ebda gharfien ufficcjali ta' l-istat reali tat-tarbija kemm-il darba ma ssirx tali korrezzjoni, u ghalhekk il-qrati taghna, f'kaz ta' ezitu favorevoli ghall-attur f'kawzi simili, dejjem ordnaw il-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tat-tarbija *de quo*, sabiex dan ikun jirriletti l-posizzjoni vera kif stabbilita fis-sentenza relattiva[7]."**

**6.** Wara li nghatat din is-sentenza, Maryanne Attard, kemm f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici tal-minuri, ippresentat rikors li fih talbet il-permess, skond l-Artikolu

[5] A vs Direttur tar-Registru Pubbliku et. Prim'Awla (Sezzjoni Familja) RCP: 18.11.2004
[6] A vs B u C et noe.: Prim'Awla: 4.12.1997FGC
[7] ara l-istess sentenza ta' l-4.12.1998 hawn fuq indikata

231 tal-Kap. 12, biex tappella. L-ewwel Qorti tat dan il-permess.

**7.** Fir-rikors ta' appell taghha, l-imsemmija Attard tilllanja mill-fatt illi l-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, qalet – ghalkemm indirettament – li hija ma kienitx baqghet issostni t-tieni eccezzjoni, u tghid li dan ma kienx minnu peress li n-nota ta' osservazzjonijiet a fol. 33 *et seq.* kienet giet presentata mill-"konvenuti kollha rapprezentati minn Angelo Attard" u ghalhekk dik in-nota – presentata wara n-nota li hija kienet ippresentat wahedha – kienet giet presentata wkoll f'isimha. Tillanja fit-tieni lok li hija ma eccepietx in-nullita` tac-citazzjoni, izda l-improponibilita` taghha minhabba li ma gewx premessi fic-citazzjoni ic-cirkostanzi imsemmija fl-Artikoli 77 u 81(2) tal-Kodici Civli. Tinsisti l-appellanti li, bil-mod kif proposta l-azzjoni din ma tistax tirnexxi:

**"[L-attur] ma ghamel ebda premessa dwar l-element ta' l-impossibilita` fizika ta' koabitazzjoni bejn l-appellanti u l-konvenut Angelo Attard u lanqas dwar in-nuqqas ta' pussess ta' stat legittimu da parti tat-tarbija konformi ma' l-att tat-twelid tieghu. B'danakollu, minghajr pregudizzju ghall-premess, u in vista ta' dak kollu fuq premess, fil-kaz *de quo* jirrizulta illi l-azzjoni odjerna hija improponibbli wkoll in vista tal-fatt stess illi ma jissussistu l-ebda provi illi jistghu b'xi mod jissostanzjaw it-talbiet attrici kontenuti fic-citazzjoni."**

**8.** Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha, inkluzi r-risposti ghar-rikors ta' appell kemm ta' l-attur kif ukoll tal-konvenut Angelo Attard, hi tal-fehma li dana l-appell huwa wiehed fieragh – u frankament din il-Qorti ssibha wkoll difficli tifhem ghala l-ewwel Qorti akkordat il-premess ghall-istess appell. Apparti li l-appellanti trid tiddeciedi jekk f'dawn il-proceduri il-konvenut Angelo Attard hux jirrapresenta wkoll lilha o meno – fejn jaqblilha tghid li n-nota ta' l-eccezzjonijiet u n-nota ta' sottomissjonijiet "tal-konvenuti kollha rapprezentati minn Angelo Attard" hija wkoll taghha minkejja n-nota taghha wahedha tal-25 ta' April 2005 u l-appell taghha odjern li ma jinkludix lil Angelo

Attard – huwa evidenti li t-tieni eccezzjoni preliminari in dizamina kif proposta "mill-konvenuti kollha rapprezentati minn Angelo Attard" ma tista' qatt tirnexxi bhala eccezzjoni preliminari. Kif gustament osservat l-ewwel Qorti, l-appellant qed jippremetti li l-minuri in kwistjoni huwa ibnu, qed jitlob li jigi dikjarat li hu hekk, u qed jitlob korrezzjoni fl-att ta' twelid tal-minuri u jaghmel talbiet ancillari dwar kura u kustodja u dwar access. Il-fatt li l-attur ma ppremettiex xi affarijiet li huma pre-rekwizit ghall-akkoljiment ta' l-ewwel talba tieghu ma jfissirx li l-kawza hija irregolari jew irritwali, jew li "din ma hix il-procedura korretta" jew li l-kwistjoni tal-paternita` tal-attur "ma ghandiex tkun diskussa f'dan il-foro"; jew li l-attur mhux kompetenti li jaghmel dawn il-proceduri jew li jipproponihom. Dawn l-asserzjonijiet tal-"konvenuti kollha rapprezentati minn Angelo Attard", u li issa qed terga tirriproponi l-appellanti, ma huma xejn hlief tentattiv biex l-attur lanqas jithalla biss jibda jgib il-provi – li huwa ghandu kull dritt li jgib biex jissostanzja dak minnu allegat. Jekk il-provi jkunux jattaljaw o meno ma' dak li trid il-ligi – inkluzi d-disposizzjonijiet li l-appellanti tant qed tishaq fuqhom u cioe` l-Artikoli 77 u 81(2) – hi proprju l-meritu tal-kwistjoni. L-ewwel Qorti ma ppermettietx lill-konvenuti li jaghmlu sarima ma' halq l-attur, u anqas din il-Qorti ma ser tippermetti li dan isir.

**9.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li dana l-appell huwa wkoll wiehed fieragh u vessatorju fis-sens tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellanti thallas lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn. Tordna fl-ahhar nett li dawn l-atti jigu minnufih rimessi lill-ewwel Qorti sabiex din tkompli tisma' l-kawza u tiddecidiha skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------